



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5529/23

LIMITE

CORLX 75
CFSP/PESC 108
COEST 62
FIN 58

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi
fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu
l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK¹.
- (2) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-714/20², jenħtieġ li titthassar entrata waħda mil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (3) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/145/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

² Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tas-26 ta' Ottubru 2022, *Dmitry Vladimirovich Ovsyannikov v il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-714/20, ECLI:EU:T:2022:674.

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, “Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmin fl-Artikoli 1 u 2”, taħt l-intestatura “Persuni”, titħassar l-entrata li tikkonċerna l-persuna li ġejja:

161. Dmitry Vladimirovich OVSYANNIKOV.
